MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2003

Numru. 678/2000

Il-Pulizija
(Sp Stephen Gatt u
Sp David Saliba)
vs
Michael Zahra, iben Alfred,
imwieled Pieta' fit-22 ta'
settembru, 1971

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fl-4 ta' ottubru, 2000 għal ħabta ta' nofs in-nhar, ġewwa l-Imsida b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda:

1. ikkometta serq ta' stereo tal-marka Sony minn ġewwa l-vettura, bin-numru

tar-reġistrazzjoni GAN 296, tal-marka Toyota għad-dannu ta’ Rodney Testa minn Birkirkara, liema serq hu kkwalifikat bix-xorta tal-ħaġa misruqa, bil-mezz u bil-valur li ma jammontax iżjed minn elf lira maltin;
2. talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi kkometta serq ta’ stereo tal-marka Majestic minn ġewwa vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni EAG 582, tal-marka Fiat Punto għad-dannu ta’ Claire Shepherd mis-Swieqi, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jammontax iżjed minn elf lira maltin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
3. talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni GAN 296, tal-marka Toyota u żewġ stereos wieħed tal-marka Toyota u l-ieħor tal-marka Sony, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta’ Rodney Testa minn Birkirkara, liema ħsara tammonta għal aktar minn ħames mitt lira maltin;
4. talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni EAG 582, tal-marka Fiat Punto u fuq stereo tal-marka Majestic, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta’ Claire Shepherd mis-Swieqi, liema ammont ta’ ħsara ma jiskorrix il-ħames mitt lira maltin imma iżjed minn ħamsin lira maltin;
5. talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
6. talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi, bil-ħsieb li jagħmel delitt ta’ serq ta’ stereo tal-marka Toyota minn ġewwa vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni GAN 296, tal-marka Toyota, wera dan il-ħsieb b’atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ta’ serq ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu, liema serq hu kkwalifkat bil-valur, bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
7. talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali wara li nstab ħati b’diversi sentenżi mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta’ lulju, 1992, fis-26 ta’ jannar, 1995, fl-14 ta’ frar, 1997, fil-15 ta’ settembru, 1999 kif ukoll diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati

(Malta) fl-4 ta' lulju, 1995, fl-1 ta' novembru, 1996, fis-16 ta' diċembru, 1997 u fit-13 ta' ottubru, 1999 liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;
8. talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanzi kiser il-kondizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta mogħtija lilu fil-31 ta' mejju, 1999 u fl-20 ta' marzu, 2000 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Illi fis-seduta tat-3 ta' diċembru, 2002 l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' jannar, 2003 fejn il-Qorti ġiet infurmata li r-refurtiva ġiet mogħtija lura lis-sidien u l-imputat ħallas il-ħsara kollha li għamel. Inoltre, ġie rilevat li llum l-imputat qed jaħdem bi profitt u għandu xogħol fiss.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ħames akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(ċ)(g), 263(a), 267, 271(g), 278(1)(2)(3),
41(1)(a), 325(1)(b), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 10(1)(a) tal-Kapitolu
152 tal-Liġijiet ta' Malta. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ikkolabora bi sħiħ mal-pulizija, ir-refurtiva ġiet ritornata u id-danni mħallsa. Illi dak iż-żmien l-imputat kellu problemi li llum jidhru li ġew mgħeluba u qed jaħdem bi profitt. Għalhekk,
l-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali hi f'waqta. Tikkundannah għal xahrejn priġunerija li minnhom irid jitnaqqas il-perjodu tal-arrest preventiv. Inoltre, tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt liri maltin (Lm500).

---------------------------------TMIEM---------------------------------